**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Ottubru 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 142/2020 AGV;</u>**

**AB k/ a C D**

**vs**

**E D**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB k/a C D ,** datat 29 ta' Mejju 2020, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi huma izzewwgu fis- 27 ta' Gunju 1992, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A u minn daz-zwieg huma kellhom zewgt itfal li jisimhom FGD u H D, li llum ghandhom 19 u 12 -il sena rispettivament;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment seperati b' kuntratt ppubblikat min-Nutar Dr. Thea Cachia, fit- 23 ta' Mejju 2016, liema kopja qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok B u sussegwentament gie emendat Dok. C;

3. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni stante li minbarra li ilhom ghal dal-ahhar snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' seperazzjoni qed jigi osservat fl-intier tieghu ai termini tal-Artikolu 5 u 7 (e) tal-istess att;
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja d-divorzju ossija il-hall taz-zwieg tal-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-direttur tar-registru pubbliku sabiex jirregistra id-divorzju tal-partijiet fir-registru pubbliku.

**Il-Qorti rat** ir-risposta ta' ED datata 11ta' Settembru 2020 fejn mhux qed jopponi ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat li gew soddisfatti r-rekwiziti kollha skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**